# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 14**

**Rikors numru 107/2016/1 PC**

**Għaqda tal-Produtturi Gaulos**

***v.***

**Direttur tal-Agrikoltura; u**
**Segretarju Permanenti fil-Ministeru**
**għall-Iżvilupp Sostenibbli,**
**l-Ambjent u Tibdil fil-Klima**
**għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-27 ta' Ottubru 2017 li biha ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-istess konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-qorti kif ukoll dwar il-*litis pendentia* u konsegwentement ordnat li l-kawża tkompli tinstema'.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-għaqda attriċi hija jew kienet reġistrata bħala organizzazzjoni tal-produtturi mad-direttorat tal-agrikoltura. Oriġinarjament kienet magħrufa bħala *Organizzazzjoni tal-Produtturi / Koperattiva Agrikola Ħaxix u Frott Frisk Għawdxija Gozitano Limitata* iżda wara dan l-isem kien inbidel għal *Għaqda tal-Produtturi Gaulos* b'deċiżjoni u b'approvazzjoni tal-awtorità kompetenti tat-12 ta' Ġunju 2012.

3. Fid-9 ta' Diċembru 2016 l-għaqda attriċi ġiet innotifikata b'avviż għal arbitraġġ ippreżentat mill-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima kontra tagħha u oħrajn bir-riferenza 4920/2016, u fost id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti f'dak l-arbitraġġ kien hemm kopja ta' ittra allegatament mibgħuta fis-7 ta' Novembru 2012 mill-konvenut Direttur tal-Agrikoltura lil "*Dr Joseph Grech, General Manager, Gozitano Producer Organization, Gozitano Complex, Mġarr Road, Xewkija, Gozo*". F'din l-ittra l-konvenut Direttur tal-Agrikoltura għarraf lil "*Gaulos (formerly known as Gozitano) ... Producer Organisation*" illi kien qiegħed jirtira l-għarfien ta' dik l-organizzazzjoni bħala organizzazzjoni ta' produtturi.

4. Wara li l-għaqda attriċi b'dan il-mod saret taf b'din l-ittra hija ressqet appell mid-deċiżjoni msemmija fiha quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'talba biex it-tribunal:

> »1. jiddikjara illi, kuntrarjament għal dak iddikjarat fl-ittra tas-7 ta' Novembru 2012, l-esponenti dejjem wettqet l-obbligi imposti fuqha mil-liġi fl-operazzjonijiet kummerċjali u baġitarji tagħha u mhux minnu li matul l-2012 hija qiegħdet fuq is-suq prodotti permezz ta' sitwazzjoni maħluqa artifiċjalment fit-termini tal-artikolu 145 ta' dak ir-Regolament;

»2. konsegwentement jirrevoka u jħassar dik l-ittra għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

5. Peress illi lill-għaqda attriċi dehrilha li l-ittra kienet indirizzata b'mod ħażin, u baqgħet qatt ma ġiet innotifikata lilha qabel il-preżentata tal-proċeduri ta' arbitraġġ, hija fetħet ukoll il-kawża tallum fejn talbet lil din il-qorti sabiex:

»1. tiddikjara illi l-ittra tas-7 ta' Novembru 2012 hija irrita u nulla u ma tista' qatt tagħmel stat fil-konfront tal-esponenti għar-raġunijiet kollha hawn fuq indikati u għal dawk ir-raġunijiet l-oħra kollha li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ġuramentat.«

6. Id-Direttur tal-Agrikoltura u Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima ressqu dawn l-eċċezzjonijiet preliminari:

»1. illi l-bażi legali tal-azzjoni tar-rikorrenti hija pjuttost vaga u minħabba f'hekk l-esponenti umilment jitolbu lil din l-onorabbli qorti sabiex tordna lill-istess rikorrenti sabiex tispeċifika eżattament taħt liema artikolu fil-liġi r-rikorrenti qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha u fuq liema artikolu tal-liġi hija qiegħda ssejjes it-talbiet tagħha u f'dan ir-rigward, meta r-rikorrenti tottempra ruħha ma' dan, l-esponenti jirriservaw li jirrispondu ulterjorment jekk ikun il-każ;

»2. illi preliminarjament ir-rikorrenti intavolat proċedura ġudizzjarja oħra quddiem l-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet l-<u>Għaqda tal-Produtturi Gaulos *v.* Direttur tal-Agrikoltura</u>, rikors nru 2/2016, u dan sabiex tħassar u tirrevoka l-ittra ta' 9 ta' Novembru 2012 mibgħuta lil *Gaulos Producer Organisation* mill-esponent Direttur tal-Agrikoltura;

»3. illi għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħda tfisser l-istess talba tagħha fir-rikors ġuramentat in risposta billi tittenta li ġġib dikjarazzjoni minn din l-onorabbli qorti fis-sens illi l-ittra surreferita tiġi dikjarata bħala rrita u nulla;

»4. illi kemm fir-rikors nru 2/2016 fl-ismijiet <u>Għaqda tal-Produtturi Gaulos *v.* Direttur tal-Agrikoltura</u> intavolat quddiem l-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif ukoll fir-rikors ġuramentat in risposta quddiem din l-onorabbli qorti r-rikorrenti qiegħda tiddikjara illi hija qatt ma ġiet notifikat bl-ittra ta' 9 ta' Novembru 2012. F'entrambi proċeduri r-rikorrenti tiddikjara illi saret taf bl-eżistenza tal-istess ittra permezz tal-arbitraġġ b'referenza 4920/2016 u għalhekk abbażi ta' din l-allegazzjoni qiegħda tittenta li tannulla l-ittra fil-konfront tagħha;

»5. illi bir-rispett dovut imma s-senjalazzjoni tar-rikorrenti illi dawn iż-żewġ proċeduri huma intiżi biex jimxu separatament, mingħajr ma waħda tippreġudika l-oħra, ma treġġix. Dan għaliex dak li finalment

qiegħed jiġi mitlub hija l-istess talba biex l-ittra ta' 9 ta' Novembru ma jkollhiex aktar effett fil-konfront tar-rikorrenti;

»6. illi għaldaqstant l-esponenti jitolbu illi l-atti fil-proċeduri ġudizzjarji fl-ismijiet Għaqda tal-Produtturi Gaulos *v.* Direttur tal-Agrikoltura, rikors nru 2/2016 quddiem l-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, jiġu allegati mal-atti tal-kawża odjerna;

»7. illi meta wieħed iqis illi fir-rikors tagħha (2/2016) intavolat quddiem l-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva r-rikorrenti tagħmel referenza għall-Kap. 447 u 490 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-artikolu 18(1) tal-istess Kap jagħti ġurisdizzjoni lil dak l-onorabbli tribunal jisma' allegati aggravji jew lanjanzi fil-konfront ta' xi għaqda tal-produtturi akkawża ta' deċiżjoni meħuda mid-direttur ikkonċernat, l-esponenti jinsabu skantati kif ir-rikorrenti intavolat proċeduri ġudizzjarji quddiem din l-onorabbli qorti li bir-rispett dovut m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' tali lanjanzi u wisq anqas tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;

»8. illi, aktar minn hekk, ir-rikorrenti qiegħda tittenta li tikseb dikjarazzjoni mingħand din l-onorabbli oorti għas-sempliċi raġuni illi l-proċeduri ġudizzjarji quddiem l-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ġew intavolati *fuori termine* u dan kif spjegat fir-risposta fl-atti tal-proċeduri ġudizzjarji rikors nru 2/2016. Għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħda tipprova b'dawn il-proċeduri ġudizzjarji odjerni tegħleb in-nuqqas li joħroġ mill-proċeduri intavolati quddiem l-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet Għaqda tal-Produtturi Gaulos *v.* Direttur tal-Agrikoltura rikors nru 2/2016. Din l-għażla tar-rikorrenti hija waħda skoretta u m'għandiex tiġi akkolta;

»9. illi fid-dawl tar-raġunijiet suesposti, l-esponenti qegħdin bl-akbar rispett jadixxu lil din l-onorabbli qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti *stante* illi:

»i. fl-ewwel lok din l-onorabbli qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti *stante* illi l-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwa vestit bil-ġurisdizzjoni neċessarja sabiex jagħmel dik id-dikjarazzjoni u dan kollu *ai termini* tal-artikolu 18(2) tal-Kap. 447;

»ii. fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost ġialadarba t-talbiet fir-rikors nru 2/2016 quddiem l-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u fir-rikors ġuramentat in risposta huwa imsejsa fuq l-istess raġunijiet, l-esponent ma jarax għalfejn din l-onorabbli qorti m'għandhiex tiskarta din it-talba quddiemha; jew, fin-nuqqas ta' dan, tistenna l-eżitu tal-kawża rikors nru 2/2016.«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk dwar dawn l-eċċezzjonijiet preliminari mressqin mill-konvenuti:

»… … … filwaqt illi tikkonferma l-kompetenza tagħha li tkompli tisma' l-kawża presenti, tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-qorti, kif ukoll l-eċċezzjoni l-oħra dwar il-*litis pendentia,* u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »… … … permezz ta' din il-kawża l-għaqda attriċi qed tittenta tikseb dikjarazzjoni ta' nullità rigward ittra mibgħuta mill-konvenuti fejn ġie dikjarat li kien qed jiġi rtirat ir-rikonoxximent ta' "*Gaulos*" bħala organizzazzjoni ta' produtturi. Din it-talba saret għad-diversi raġunijiet indikati fir-rikors tagħha. Il-konvenuti eċċepew preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-qorti u l-*lis alibi pendens.* Is-sentenza preżenti hija limitata għad-deċiżjoni dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet.
>
> »Bl-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti qed jargumentaw li l-materja in kwistjoni bħala deċiżjoni amministrattiva, li qed tiġi kontestata mill-għaqda attriċi bħala organizzazzjoni tal-produtturi, taqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva, u in sostenn ta' dan jiċċitaw l-artikolu 18 ta' Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:
>
>> »"(1) It-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn min iħoss ruħu aggravat b'xi deċiżjoni tad-Direttur, dwar l-għoti, ir-rifjut jew l-irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' assoċjazzjoni bejn il-fergħat interessati, jew ir-rifjut tad-Direttur għall-ħlas ta' kumpens għall-irtirar ta' prodotti mis-suq.
>>
>> »(2) It-Tribunal jista' jeħtieġ li dipartiment jew aġenzija tal-Gvern jagħti lit-Tribunal dik l-informazzjoni jew dak il-parir li t-Tribunal iqis li hu meħtieġ għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.
>>
>> »(3) Appell minn deċiżjoni tad-Direttur kif imsemmi qabel għandu jsir permezz ta' rikors u għandu jiġi ppreżentat lis-Segretarju tat-Tribunal fi żmien għoxrin ġurnata mid-data minn meta l-imsemmija deċiżjoni tkun ġiet notifikata … … ."
>
> »Fil-każ in eżami però, għalkemm jittratta deċiżjoni amministrattiva dwar irtirar ta' rikonoxximent ta' organizzazzjoni ta' produtturi, ma għandniex appell minn tali deċiżjoni, imma kontestazzjoni dwar il-validità tal-ittra li fiha ġie dikjarat li qed jiġi rtirat dak ir-rikonoxximent. Kif indikat fil-bran hawn fuq ċitat mill-liġi, it-tribunal imsemmi bħala tribunal speċjali mwaqqaf b'liġi partikolari għandu kompetenza limitata għal dak speċifikat fl-istess liġi, fil-każ in eżami għal appelli minn deċiżjonijiet amministrattivi dwar ir-rifjut ta' rikonoxximent. Biex ikun jista' jieħu konjizzjoni ta' appell bħal dan, it-tribunal irid ikollu quddiemu każ ta' deċiżjoni validament notifikata lill-organizzazzjoni appellanti, ħaġa però li għadha inċerta, u tista' tiġi deċiża biss minn din il-qorti li għandha kompetenza residwa dwar l-azzjonijiet kollha mhux regolati b'xi liġi speċjali. Infatti a tenur tal-artikolu 50(2)(*b*) tal-Kap. 12, din il-qorti għandha:
>
>> »"attribuzzjoni superjuri, li bis-saħħa tagħha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xorta ta' dawk illi, skont l-artikolu 32, huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."
>
> »Intant l-artikolu 32(2) tal-istess Kodiċi jistipula li:

> »"Il-Qorti Ċivili taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom."

»Għalhekk għamlet sew l-għaqda attriċi li ntavolat il-kawża tagħha quddiem din il-qorti li, bħall-Prim'Awla, għandha l-kompetenza titratta l-materji kollha mhux ta' kompetenza ta' xi qorti, tribunal jew bord ieħor, speċifikament indikati mill-liġi.

»L-eċċezzjoni preliminari l-oħra tirrigwarda l-*lis alibi pendens* a tenur tal-artikolu 793 tal-Kap. 12. Din l-eċċezzjoni ngħatat għax l-għaqda attriċi fl-istess ġurnata li ppresentat din il-kawża intavolat appell quddiem it-tribunal imsemmi rigward il-kontenut tal-ittra in kwistjoni. Dwar eċċezzjoni bħal din ġie mfisser illi:

> »"La *litis pendentia* si verifica quando due azioni identiche sono proposte davanti a giudici diversi. È necessario quindi che lo stesso diritto sia fatto valere in giudizio, tra le stesse parti, inanzi a due giudici diversi (identità di soggetti, *petitum*, *causa petendi*). Quando vengono proposte contemporaneamente due azioni identiche, il legislatore impone di eliminare uno dei due processi sulla stessa controversia, per evitare uno spreco di attività processuale e sopratutto il pericolo di un contrasto di giudicati."

»Ġie spjegat mill-qrati tagħna f'dawn ir-rigward illi:

> »"The plea is somewhat parallel with the plea of *exceptio rei judicatæ*. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of *litis pendentia* in the words of section 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the first court. In fact, doctrine and case law in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the court to declare its own incompetence *ex officio* if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein.
>
> »The essential condition for this plea is the identity of the two actions which results from the identity of all the elements thereof, *i.e.* the parties, the subject-matter and the case of the demand."

»Fil-każ in eżami, għalkemm m'hemm l-ebda kontestazzjoni li ż-żewġ proċeduri jinvolvu l-istess partijiet u t-tnejn jittrattaw l-ittra mibgħuta mill-konvenuti, ma jistax jingħad li għandha wkoll l-istess *causa petendi.* Dan għaliex filwaqt illi fl-appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv qed tiġi kontestata d-deċiżjoni meħuda mill-konvenuti li biha rtiraw ir-rikonoxximent tas-soċjetà *Gaulos* bħala organizzazzjoni tal-produtti, fil-kawża presenti għandna kontestazzjoni dwar il-validità ta' din l-ittra *per se,* għax l-attriċi preżenti tikkontendi, fost ħwejjeġ oħra, li din l-ittra ma ġietx indirizzata lilhom u l-anqas notifikata lil xi ħadd li kellu r-rappresentanza ġuridika tagħha. Għalhekk, għalkemm m'hawnx il-*litis pendentia,* ġialadarba qamet din il-kwistjoni, jkun prudenti li t-tribunal amministrattiv jistenna l-eżitu ta' din il-kawża qabel ma jipproċedi bis-smigħ tal-appell pendenti quddiemu.«

9. Wara li ngħataw fakoltà kif irid l-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konvenuti appellaw mis-sentenza b'rikors tas-27 ta' Novembru 2017 li għalih l-attriċi wieġbet fl-14 ta' Diċembru 2017.

10. L-aggravji tal-konvenuti jolqtu ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tal-ewwel qorti, li, fil-fehma tagħhom, hija msejsa fuq interpretazzjoni ħażina tal-art. 18 tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi [Kap. 447]. Komplew fissru l-aggravji hekk:

> »Illi l-esponent appellant ħass ruħu aggravat mis-sentenza fl-ismijiet premessi datata 27 ta' Ottubru 2017 mogħtija mill-qorti tal-ewwel grad, limitatament għal dik il-parti tagħha fejn l-onorabbli qorti:
>
> »1. ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dik il-qorti;
>
> »… … .
>
> »A) L-Interpretazzjoni Żbaljata tal-artikolu 18 tal-Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta
>
> »Illi jingħad li l-artikolu illi jagħti kompetenza lill-onorabbli Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva li jisma appelli minn deċiżjonijiet tad-Direttur tal-Agrikoltura fil-konfront ta' organizzazzjoni tal-produtturi huwa l-artikolu 18 tal-Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta illi jgħid illi:
>
>> »"18. (1) It-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn min iħoss ruħu aggravat b'xi deċiżjoni tad-Direttur, dwar l-għoti, ir-rifjut jew l-irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' assoċjazzjoni bejn il-fergħat interessati, jew ir-rifjut tad-Direttur għall-ħlas ta' kumpens għall-irtirar ta' prodotti mis-suq.
>>
>> »"(2) It-Tribunal jista' jeħtieġ li dipartiment jew aġenzija tal-Gvern jagħti lit-Tribunal dik l-informazzjoni jew dak il-parir li t-Tribunal iqis li hu meħtieġ għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.
>>
>> »"(3) Appell minn deċiżjoni tad-Direttur kif imsemmi qabel għandu jsir permezz ta' rikors u għandu jiġi ppreżentat lis-Segretarju tat-Tribunal fi żmien għoxrin ġurnata mid-data minn meta l-imsemmija deċiżjoni tkun ġiet notifikata.
>
> »Illi dan ir-regolament jinkorpora kull ilment minn naħa tal-organizzazzjoni tal-produtturi fir-rigward ta' deċiżjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura dwar għoti, rifjut jew irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi u dan kif jirriżulta mill-qari tal-istess regolament.
>
> »Illi ġaladarba permezz tal-ittra datata 7 ta' Novembru 2012 l-esponenti irtiraw ir-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi tar-rikorrenti, il-pass li kien jispetta lir-rikorrenti *ai termini* tal-liġi kienet dik li tintavola appell quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva *entro* t-terminu previst fis-subartikolu 3 tal-artikolu 18 tal-Kap. 447 tal-

Liġijiet ta' Malta. Illi di fatti r-rikorrenti intavolat proċeduri ġudizzjarji fl-istess ismijiet Għaqda tal-Produtturi *Gaulos v.* Direttur tal-Agrikoltura *et'* quddiem l-onorabbli Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva permezz ta' rikors b'referenza numru 2/2016.

»Illi fir-rikors referenza numru 2/2016 fl-istess ismijiet u *cioè* 'Għaqda tal-Produtturi *Gaulos v.* Direttur tal-Agrikoltura *et* quddiem l-onorabbli Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva iddikjaraw illi "qiegħda tintavola appell mid-deċiżjoni kontenuta f'dik l-ittra u dan fit-termini tal-Kap. 447 u 490 tal-liġijiet ta' Malta, liema appell qiegħed isir *entro* t-terminu ta' għoxrin (20) jum mill-ewwel darba li hija ġiet innotifikata b'xi mod b'din l-ittra". … … …

»Fl-umli fehma tal-esponenti huwa fieragħ li r-rikorrenti appellata qiegħda tittanta tipprova toħloq distinzjoni bejn l-ilment tagħha quddiem l-onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali u dak quddiem it-tribunal surreferit u dan peress kif jistipula b'mod ċar ir-regolament 18 tal-Kap. 447 min iħossu aggravat bid-deċiżjoni tad-direttur – kif inhi r-rikorrenti appellata – dan għandu jirrikorri quddiem it-tribunal. Il-liġi ma toħloq ebda distinzjoni u ebda parametri dwar fiex jista' jikkonsisti l-appell. L-istess regolament jagħti poteri wiesa' lill-imsemmi tribunal li jisma' u jiddeċiedi fuq ilmenti minn min iħossu aggravat b'deċiżjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura.

»Illi jingħad illi ġaladarba is-subartikolu 3 tal-artikolu 18 tal-Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula t-terminu sabiex tali appell jista' jiġi intaovlat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jsegwi illi huwa dak it-tribunal li jrid jara u jiddeċiedi jekk l-appell ġiex intavolat fil-ħin u minn meta jibda jgħodd it-terminu stipulat fil-liġi. Illi allura il-validità tan-notifika tal-ittra li biha ġie kkomunikat l-irtirar tar-rikonoxximent bħal għaqda produtturi lil *Gaulos* hija xi ħaġa li trid tiġi mistħarġa mit-tribunal u dan peress illi b'dan il-mod biss jista' jiġi aċċertat u deċiż jekk l-appell ġiex intavolat fil-ħin jew le.

»Illi mingħajr preġudizzju għall-fatt illi skont l-esponenti n-notifika tal-ittra tas-7 ta' Novembru 2012 hija waħda valida, huwa fatt magħruf illi fi kwalunkwe kas illum il-ġurnata l-għaqda *Gaulos* hija notifikata bid-deċiżjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura u għaldaqstant ma jistax jingħad li t-terminu għadu ma bediex jiddekorri. Il-kwistjoni tqum minn meta beda jiddekorri dan it-terminu, kwistjoni li fil-fatt tqajmet fil-proċeduri 2/2012 fl-istess ismijiet quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u li hija kwistjoni li inevitabbilment trid tiġi deċiża mit-tribunal sabiex jiġi stabbilit jekk l-appell huwiex *fuori termine* jew le. Illi l-validità u forma tan-notifika tal-imsemmija ittra hija intrinsikament marbuta mat-terminu tal-appell u dan peress li d-data ta' notifika hija d-data ta' meta jibda jgħodd it-terminu tal-appell. Għaldaqstant ma jistax jingħad li t-tribunal m'huwiex kompetenti sabiex jistħarreġ il-validità tan-notifika tas-7 ta' Novembru 2012.

»Illi jingħad ukoll bir-rispett illi l-konsiderazzjoni tal-ewwel qorti illi l-artikolu 18 tal-Kap 447 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti poteri speċjali lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jeżamina unikament il-mertu ta' deċiżjoni tad-direttur ikkonċernat hija żbaljata għaliex f'diversi kawżi miġjuba quddiem it-tribunal huwa għaddha sabiex jeżamina aspetti proċedurali kemm ta' notifika kif ukoll ta' validità ta' tali notifika.

»Illi di fatti fis-Ssntenza fl-ismijiet XXX *v.* Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud deċiża mill-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-8 ta' Novembru 2016 (101/12VG) dak it-tribunal għadda sabiex jistħarreġ il-validità ta' notifika ta' avviż ta' u dan bl-għan li jistabilixxi jekk l-appell ġiex intavolat *fuori termine*:

> »"B'hekk kuntrarjament għal dak pretiż mir-rikorrent, it-terminu ta' tletin ġurnata sabiex jiġi intavolat appell mill-istimi maħruġa kontra tiegħu għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni beda jiddekorri min-notifika lilu ta' dawk l-istimi u mhux min-notifika lilu tat-Talba għall-Ħlas u għaldaqstant fil-każ in eżami beda jiddekorri mid-9 ta' Marzu 2010.
>
> »B'hekk tħares minn fejn tħares lejn il-każ, jirriżulta bl-iktar mod ċar u inekwivoku li l-appell odjern ġie ppreżentat *fuori termine* u għaldaqstant huwa irritu u null."

»Illi t-tribunal fil-kawża 2/2016 fl-istess ismijiet premessi m'għandu jsib l-ebda diffikultà illi jadotta l-istess eserċizzju li ta' bilħaqq ġà addotta diversi drabi f'diversi kawżi. Saħansitra fis-sentenza fl-ismijiet *Schembri & Sons Ltd (C4225) v.* Awtorità ta' Malta *et* deċiża fit-22 ta' Frar 2016 it-Tribunal ta' Reviżżjoni Amministrattiva għadda biex jagħmel eserċizzju metikoluż sabiex jiddeċiedi dwar validità ta' ittra uffiċjali mibgħuta mill-awtorità konvenuta. Dan jitfa' aktar dawl fuq kemm it-tribunal jadotta dan l-eserċizzju kull darba li jiġi rinfaċċjat b'validitaà ta' xi tip ta' deċiżjoni amministrattiva.

»Illi aktar minn hekk fis-sentenza preliminari fl-ismijiet Vincent Carabott *v.* Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta deċiża mill-onorabbli Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (rikors numru 15/2017) fis-6 ta' Lulju 2017 dak it-tribunal għadda sabiex jikkunsidra aspett proċedurali li tqajjem fil-mori ta' dik il-kawża senjatament il-ħtieġa *o meno* li ssir id-debita interpellazzjoni lid-dipartiment tal-gvern qabel l-intavolar ta' proċeduri ġudizzjarji *ai termini* tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ċertament l-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex indikat fl-ebda sezzjoni tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola t-tribunal kkonċernat. Madanakollu dak it-tribunal ħass li ma kellu l-ebda diffikultà jiddeċiedi kwistjoni proċedurali li tqajmet quddiemu. B'analoġija għal kawża odjerna, it-tribunal ċertament m'għandu jsib l-ebda diffikultà jiddeċiedi kwistjoni ta' validità ta' notifika liema kwistjoni hija intrinsikament marbuta mat-terminu tal-appell u dan peress li d-data ta' notifika hija d-data ta' meta jibda jgħodd it-terminu tal-appell. Anzi, aktar u aktar it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu, permezz tas-sub-artikolu (3) tal-artikolu 18 tal-Kap 447 tal-Liġijiet ta' Malta, il-jedd li jiddeċiedi dwar dan il-punt.

»B) L-ewwel qorti ma kellix teżerċita l-poteri residwali tagħha u dan peress li kien jeżisti rimedju taħt liġi speċjali

»Illi konsegwentement u b'rabta mas-sottomissjonijiet kif imfissrin fl-ewwel aggravju l-esponenti appellanti umilment jirrilevaw illi l-ewwel onorabbli qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet illi teżerċita l-poteri residwali tagħha u tikkonferma l-kompetenza tal-istess abbażi tal-artikolu 50(2) u l-artikolu 32(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* illi l-appellat dejjem kellu *a suo favore* rimedju *ad hoc* abbażi tal-liġi speċjali (l-artikolu 18 tal-Kap 447 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jindirizza l-ilment tiegħu u *cioè* l-allegat nuqqas ta' validità tan-notifika tal-ittra

tas-7 ta' Novembru 2012 dwar l-irtirar ta' rikonoxxenza tal-Għaqda *Gaulos* bħala *producer organisation.*

»Illi jiġi rrilevat illi l-artiklu 32(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u *cioè* il-poteri residwali li għandha l-onorabbli Prim'Awla, huma poteri di fatti 'residwali' u l-qorti tal-ewwel grad kellha tassumi ġurisdizzjoni biss ġaladarba l-ebda liġi oħra ma tindika speċifikament ġurisdizzjoni a favur ta' qrati oħra. Dan il-prinċipju huwa ben assodat fil-ġuris-prudenza nostrana fejn fis-sentenza fl-ismijiet Perit Joseph Barbara *v.* Antonia Anastasi deċiża fit-28 t'Ottubru 2004, l-onorabbli Prim'Awla kkunsidrat illi:

> »"Illi huwa prinċipju elementari imma fondamentali li meta titqanqal kontestazzjoni dwar jekk qorti li quddiemha titressaq kawża għandhiex il-kompetenza li tismagħha, hija dik il-qorti li għandha tistħarreġ u tiddeċiedi dwar eċċezzjoni bħal dik fl-aspetti kollha tagħha. Daqstant ieħor huwa prinċipju aċċettat li din il-qorti, bħala qorti ta' kompetenza ordinarja, għandha s-setgħa li tisma' u taqta' dwar kull kwestjoni ta' għamla ċivili sakemm is-setgħa dwar kwestjoni bħal dik ma tkunx ġiet mogħtija lil tribunal speċjali b'liġi apposta;"

»Illi fis-sentenza Alfred Cini *v.* L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Kummissarju tal-Pulizija deċiża fit-2 ta' Lulju 2010 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, dik il-qorti ikkunsidrat illi:

> »"… L-attur għamel użu mir-rimedju mogħti minn din il-liġi speċjali għal dak li hu appell quddiem il-bord. Anke kieku m'għamilx użu minnu, ġaladarba din il-liġi tipprovdi rimedju *ad hoc*, min irid jilmenta mill-ħruġ ta' Avviż biex Tieqaf u Twettieq għandu jirrikorri għall-proċedura li tistabbilixxi l-istess liġi u mhux jirrikorri għal xi proċedura oħra."

»Illi huwa paċifiku allura illi meta il-liġi tipprovdi rimedju speċjali, dak ir-rimedju għandhu japplika u mhux il-kompetenza residwali tal-qrati ċivili.

»Illi fuq dan il-punt l-esponenti appellanti jagħmlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet Zammit James *noe v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta deċiża mill-onorabbli Prim'Awla fl-24 ta' Ġunju 2016 liema Qorti indikat illi:

> »"Din il-qorti tqis illi l-ġurisdizzjoni tat-tribunal tiskatta meta l-awtorità tagħti deċiżjoni, *cioè* rifjut ta' liċenzja, ċaħda għal renov-azzjoni ta' liċenzji, sospensjoni, revoka ta' liċenzji jew imposizzjoni ta' kundizzjonijiet addizzjonali."

»Illi b'analoġija għall-kawża odjerna, ġaladarba d-direttur appellant ta deċiżjoni permezz tal-ittra tas-7 ta' Novembru 2012, il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skattat *ai termini* tal-artikolu 18 tal-Kap 447 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Illi fis-sentenza fl-ismijiet Avukat Ġenerali v. Kap tas-Servizz tas-Sigurtà *et* deċiża fis-7 ta' Mejju 2010 (appell ċivili numru. 201/2009/1) mill-onorabbli Qorti tal-Appell, il-Qorti fissret ruħha hekk:

> »"Il-każ mhux wieħed ta' sempliċi eżerċizzju ta' diskrezzjoni dwar rilevanza *o meno* ta' prova, iżda, dejjem skond l-appellanti, hu każ fejn il-qorti injorat divjet espress fil-liġi, u meta jkun hekk, jekk il-liġi speċjali ma tipprovdix rimedju, tidħol fix-xena l-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ċivili li jistħarrġu dik l-allegazzjoni."

»Faċilment jingħad illi raġunament *a contrario sensu* jindika illi kemm-il darba liġi speċjali tipprovdi rimedju, l-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ċivili ma tapplikax.

»Illi *di più* l-esponenti jissottolinjaw illi l-artikolu 18 tal-Kap. 447 huwa *lex specialis* waqt illi l-azzjoni illi intavola r-rikorrenti quddiem din l-onorabbli qorti tista' titqies bħala l*ex generalis.* Kif ben huwa risaput, *lex specialis derogat legi generali.* Illi fir-rigward tal-prinċipju *lex specialis derogat legi generali*, l-esponenti jagħmlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet Peter Agius *v. Melita Plc* deċiża fit-23 ta' Ottubru 2009 mill-onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), dik l-onorabbli qorti ikkunsidrat illi:

> »"Għad li hu veru dak li jingħad mis-soċjetà appellanti illi wieħed għandu dejjem iħares lejn id-disposizzjonijiet tal-liġi speċjali, il-liġi proċedurali in ġenerali lanqas ma tista' tiġi injorata, ammenokke d-disposizzjonijiet tal-liġi speċjali ma humiex talment ċari illi l-qorti tkun żbaljata jekk tiddeklina milli tapplikahom."

»Illi għalkemm l-azzjoni tar-rikorrenti appellat m'hijiex azzjoni *ai termini* tal-artiklu 469A abbażi ta' reviżjoni ta' għemil amministrattiv, l-esponenti appellanti umilment jiġbdu l-attenzjoni ta' dina l-onorabbli Qorti tal-Appell għal numru ta' sentenzi mogħtija kemm mill-onorabbli Prim'Awla kif ukoll mill-onorabbli Qorti tal-Appell fejn ġie deċiż bla tlaqliq illi meta r-rikorrent ikollu rimedju appożitu fir-rigward ta' għemil amministrattiv quddiem xi tribunal jew forum ieħor, il-qrati ordinarji għandhom jiddeklinaw milli jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom.

»Illi tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u prinċipji legali, l-esponenti appellant kif ġà fissru ruħhom fl-ewwel aggravju, id-deċiżjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura fil-konfront tal-għaqda tal-produtturi hija regolata permess ta' liġi speċjali (Kap. 447) li m'għandhiex tingħata interpretazzjoni restrittiva senjatament meta l-kwistjoni li qiegħda in eżami u *cioè* l-validità ta' notifika tal-ittra surreferita hija waħda intrinsikament marbuta mat-terminu tal-intavolar tal-appell;

»Jingħad umilment illi l-eserċizzju li kellha tagħmel il-qorti tal-ewwel grad huwa sempliċement dak li teżamina jekk it-tribunal sabiex jiddeċiedi jekk l-appell ġiex intavlat *entro termine* jridx jeżamina jekk il-validità tan-notifika tal-ittra kinitx korretta u jekk effettivament ir-rikorrent appellat ġiex notifikat. Ġaladarba dawn iż-żewġ punti huma marbutin ma' xulxin u t-tribunal għandu l-kompetenza *ai termini* tas-subartikolu (3) tal-artikolu 18 tal-Kap. 447 tal-liġijiet ta' Malta jeżamina tali terminu, l-esponenti appellanti jiskantaw kif il-qorti tal-ewwel grad iddeċiediet illi t-tribunal m'għandux il-poter jeżamina l-punt mqajjem quddiem l-istess qorti. Ċertament it-tribunal m'għandu jkollu l-ebda diffikultà jidħol fil-mertu fil-validità tan-notifika tal-ittra surreferita, speċjalment meta huwa vestit bil-liġi illi jissindika t-terminu tal-appell li jiġi intavolat quddiemu.

»Għaldaqstant l-esponenti appellant jirrilevaw illi l-ewwel onorabbli qorti ma kellhiex għalfejn teżerċita l-kompetenza tagħha abbażi tal-poteri residwali vestiti fiha bil-liġi ġaladarba hemm regoli speċjali intiżi apposta sabiex tribunal appożitu jinvestiga tali ilmenti. Isseħħ sitwazzjoni verament infeliċi jekk tribunal li huwa vestit b'*lex specialis* jiġi limitat li jagħmel eserċizzji ferm ristretti minn dawk imposti fuqu mill-leġislatur u b'konsegwenza tnaqqas l-poteri li tribunal appożitu huwa intiż li jkollu.

»Ċ) L-ewwel qorti ma kellhiex tifred il-forma tad-deċiżjoni mill-mertu

»Illi l-esponenti umilment jirrilevaw illi l-metodu u l-forma tan-notifika tal-ittra dwar l-irtirar tar-rikonoxxenza bħala għaqda tal-produtturi mibgħuta mid-Direttur lill-għaqda *Gaulos* ċertament tifforma parti mid-deċiżjoni aħħarija fil-mertu tal-istess ittra tad-direttur. Il-liġi senjatament l-artikolu 18 tal-Kap. 447 jistipula illi t-tribunal għandu kompetenza li jisma' appelli minn deċiżjoni tad-direttur dwar l-għoti, rifjuti u irtirar tar-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi. In-notifika tal-ittra hija l-parti proċedurali marbuta mad-deċiżjoni u għaldaqstant kwalunkwe ilment fir-rigward ta' xi aspett proċedurali ta' deċiżjoni jrid jiġi indirizzat lill-istess tribunal.

»Illi l-artikolu 18 tal-Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta li jinkorpora l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn min iħossu aggravat b'xi deċiżjoni tad-direttur, jagħti kompetenza lill-istess tribunal illi jisma' appelli meta l-parti kkonċernata ma taqbilx mid-deċiżjoni tad-direttur, liema deċiżjoni tinkorpora wkoll il-metodu kif id-direttur għażel illi jikkomunika l-għoti, rifjut jew l-irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi;

»Għaldaqstant fil-fehma tal-esponenti dawn l-aggravji jimmeritaw li jiġu milqugħa.«

11. L-għaqda attriċi wieġbet hekk għal dawn l-aggravji:

»Illi s-suġġett ta' dan l-appell huma l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li jirrigwardaw rispettivament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-onorabbli qorti; kif ukoll l-identità tat-talbiet attriċi ma' rikors imressaq minnhom quddiem l-onorabbli Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva.

»L-esponenti tħoss li sabiex dawn l-eċċezzjonijiet jiġu valutati korrettament u ġustament, jeħtieġ li hija tagħti informazzjoni dwar ir-retroxena ta' din il-kawża u r-rikors imressaq quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva.

»L-esponenti ġiet innotifikata bi proċedura ta' arbitraġġ quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ imnedija kontra tagħha u oħrajn fejn qiegħda tintalab ir-rifużjoni mingħandha, u mingħand oħrajn, ta' ammonti sostanzjali.

»Din il-proċedura ġġib ir-riferenza Arbitraġġ nru M4920/2016 fl-ismijiet "Segretarju Permanenti fil-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima *v.* Organizzazzjoni tal-Produtturi / Koperattiva Agrikola Ħaxix u Frott Frisk Għawdxija Gozitano Limitata *et*".

»Dik il-proċedura hija bbażata fuq allegazzjoni tal-appellant odjern, is-Segretarju Permanenti fil-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, li huwa rtira r-rikonoxximent tal-esponenti bħala organizzazzjoni tal-produtturi u li huwa nnotifika dik id-deċiżjoni lill-esponenti permezz ta' ittra mibgħuta fis-7 ta' Novembru 2012 lil *"Dr Joseph Grech, General Manager, Gozitano Producer Organisation, Gozitano Complex, Mġarr Road, Xewkija, Gozo*".

»Din kienet l-ewwel darba li l-esponenti, l-Għaqda tal-Produtturi *Gaulos*, ġiet innotifikata uffiċjalment b'din l-ittra.

»Rinfaċċata b'dan hija ddeċidiet li tibda żewġ proċeduri separati:

»Appell kontra dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva sabiex titlob ir-revoka ta' dik id-deċiżjoni fil-mertu. Dan l-appell ġie intavolat abbażi tal-fatt li l-esponenti ma setgħetx issa tinjora l-effetti riżultanti min-notifika lilha tad-deċiżjoni tal-irtirar tar-rikonoxximent tagħha fejn qabel hija ma kienet qatt ġiet innotifikata b'xi deċiżjoni simili. Dan l-appell ġie intavolat fi żmien utili min-notifika tal-proċedura tal-arbitraġġ u jittratta biss il-mertu tad-deċiżjoni ta' irtirar ta' rikonoxximent.

»Madankollu, l-esponenti kienet ferm preokkupata wkoll bil-fatt li qiegħed jiġi allegat li d-direttur intimat kien innotifika din id-deċiżjoni tiegħu lilha permezz tal-ittra tas-7 ta' Novembru 2012. Ovvjament, li kieku kien minnu li dik l-ittra tikkostitwixxi notifika valida lill-esponenti fid-data li fiha intbagħtet dik l-ittra, il-posizzjoni tal-esponenti tista' tiġi ppreġudikata b'mod irrimedjabbli għaliex konsegwenza waħda ser ċertament tkun li l-esponenti naqset milli toġġezzjona kontra dik id-deċiżjoni bil-modalità u fit-terminu stabbilit mill-liġi – eċċezzjoni li fil-fatt ingħatat mill-appellanti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva. Għaldaqstant ma setgħetx tissogra li tinjora l-allegazzjoni tal-intimat li huwa kien innotifikaha b'dik l-istess ittra.

»Issa l-allegazzjonijiet rispettivi tal-intimat (li huwa nnotifika lill-esponenti b'dik l-ittra) u tal-esponenti (li hija qatt ma ġiet innotifikata b'dik l-ittra) ma jistgħux jiġu indagati mit-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva li għandu r-rwol tiegħu strettament ċirkonskritt b'dak li jipprovid l-Att li ħoloq lil dak it-Tribunal.

»U għalhekk l-uniku rimedju li, fl-umli fehma tal-esponenti, huwa disponibbli għaliha huwa dak li tirrikorri quddiem il-qrati ta' kompetenza ordinarja sabiex dawn jagħtu deċiżjoni dwar jekk in-notifika tal-ittra tas-7 ta' Novembru 2012 saritx bil-mod rikjest mil-liġi u lil persuna li validament tirrappreżenta lill-esponenti sabiex dik l-ittra tkun tista' tagħmel stat fil-konfront tagħha.

»1. L-ewwel aggravju: interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 18 tal-kap. 447.

»L-appellanti jibbażaw dan l-aggravju fuq it-teżi li l-uniku organu ġudizzjarju kompetenti sabiex jisma' appell minn deċiżjoni tad-direttur dwar l-għoti, ir-rifjut jew l-irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtti huwa t-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva, u dan fit-termini tal-artikolu 18 tal-Kap. 447.

»Sa hawnhekk l-intimati għandhom raġun, u, li kieku l-azzjoni odjerna kienet tikkonsisti minn sempliċi appell minn deċiżjoni ta' rtirar tar-rikonoxximent tal-esponenti bħala organizzazzjoni tal-produtturi, l-eċċezzjoni odjerna kien jimmerita li tiġi milqugħa.

»Madankollu, din il-kawża ma hijiex waħda ta' appell mid-deċiżjoni tal-irtirar tar-rikonoxximent, u huwa hawnhekk li l-intimati qegħdin jiżbaljaw fit-teżi tagħhom.

»Fil-fatt, jirriżulta kjarament mill-premessi u mill-uniku talba tal-esponenti li f'din il-kawża hija ma hijiex qiegħda tappella minn dik id-deċiżjoni fis-sens ristrett ta' reviżjoni mit-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva.

»Hekk, minn naħa, hija qegħda għall-kuntrarju tavvanza lanjanza li teżorbita l-kompetenza ta' dak it-tribunal peress li hija qiegħda ssostni li l-ittra tas-7 ta' Novembru 2012 mibgħuta mid-direttur intimat allegatament sabiex tinforma lill-esponenti bid-deċiżjoni tiegħu tal-irtirar tar-rikonoxximent hija irrita u nulla għar-raġunijiet elenkati fid-dettall fir-rikors promotur.

»… … …

»U min-naħa l-oħra, it-talba ma hijiex indirizzata kontra d-deċiżjoni *ut sic* imma kontra l-metodi użati mill-appellanti sabiex jinnotifika/w dik id-deċiżjoni tal-intimat segretarju permanenti lill-persuna li suppost kellha tiġi nnotifikata b'dik id-deċiżjoni. … … …

»... … …

»Ovvjament fi stadju ulterjuri ta' din il-proċedura, l-esponenti ser tkun meħtieġa li tipprova li l-allegazzjonijiet tagħha huma fattwalment korretti, u jkun biss fl-affermattiv li t-talba tagħha għandha tintlaqa'. Madankollu dak eżerċizzju li ma jistax jinfluwixxi fuq is-soluzzjoni li trid tiġi adottata fir-rigward tal-eċċezzjoni li qegħda tiġi eżaminata f'dan il-punt.

»Issa huwa ċar li l-kompetenza riżervata lit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva hija kompetenza mogħtija lil tribunal speċjali b'liġi speċjali li tidderoga mir-regola ġenerali ta' kompetenza ġudizzjarja ġenerali tal-qrati. Bħala tali, bħal fil-każi ta' tribunali speċjali oħra, il-kompetenza tat-tribunal għandha neċessarjament tingħata interpretazzjoni restrittiva u kwalunkwe materja li ma tinkwadrax ruħha perfettament fil-parametri stabbiliti mill-liġi speċjali li twaqqaf dak it-tribunal għandha neċessarjament tibqa' riżervata lill-qrati ordinarji.

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha quddiem l-ewwel onorabbli qorti l-esponenti diġà għamlet referenza fit-tul għal sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet <u>*S&R (Ħandaq) Limited (C-5790) v.* Korporazzjoni *Malta Enterprise*</u> fl-24 ta' Settembru 2012 fejn it-tribunal stess kien iddikjara li l-kompetenza tiegħu ma tistax tkun aktar wiesgħa minn dak li ddispona l-leġislatur. A skans ta' ripetizzjoni odjuża, l-esponenti hawnhekk jagħmel piena riferenza għal dik is-sentenza.

»Din il-kawża odjerna tippreżenta fattispeċje li huma kważi kważi identiċi għal dawk ippreżentati fil-kawża li wasslet għas-sentenza fl-ismijiet <u>Charles Aquilina *v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta</u> deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Novembru 2011, fjen il-qorti stqarret is-segwenti:

> »"Jista' jkun ukoll li kemm din il-qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stħarriġ u kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa jwettqu setgħat li jixxiebhu. Iżda huwa fatt li t-tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew dawk il-korpi biss li l-Att kostitutiv tiegħu espressament jagħnih bihom fit-Tielet Skeda tiegħu, u ma għandux is-setgħa li jistħarreġ l-għamil ta' awtoritajiet oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza waħdanija ta' din il-qorti."

»Dan l-insenjament ġie kkwotat *verbatim* f'diversi sentenzi oħra fosthom f'dik ta' <u>Raymond Abela *v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta</u> deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar 2012.

»Fi kliem ieħor, il-kompetenza residwa tibqa' dejjem f'idejn il-qrati ordinarji. Il-fatt li teżisti leġiżlazzjoni speċjali li fuq materji speċifiċi tattribwixxi kompetenza lil tribunal *ad hoc* ma jfissirx li l-qrati ordinarji jiġu b'daqshekk svestiti mill-ġurisdizzjoni u l-kompetenza sabiex jisimgħu u jiddeċiedu talbiet li għalkemm jinvolvu l-qasam li għalih tapplika dik il-leġiżlazzjoni jitolbu deċiżjoni fuq punti li, għal raġuni jew għal oħra, ma jkunux espressament iggvernati b'dik l-istess leġis-lazzjoni.

»Għaldaqstant l-eżami li jeħtieġ isir f'dan l-istadju huwa limitat sabiex jiġi vverifikat jekk, permezz ta' din il-kawża, l-esponenti hijiex qiegħda tattakka l-kontenut tad-deċiżjoni tad-direttur *per se* – ħaġa li tista' ssir biss permezz ta' appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva – jew għall-kuntrarju, is-suġġett tat-talba huwa materja li teżorbita l-para-metri ta' appell. U dejjem fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, għar-raġunijiet indikati hawn fuq, ir-riżultat ta' din il-verifika għandu jkun fis-sens li s-suġġett tat-talba ma għandu x'jaqsam xejn ma' appell mill-mertu tad-deċiżjoni.

»Infatti, is-suġġett ta' din il-kawża huwa n-notifika, jew aħjar nuqqas ta' notifika, tad-deċiżjoni tad-direttur lill-esponenti. L-allegazzjoni tal-espo-nenti hija fis-sens li dik id-deċiżjoni baqgħet qatt ma ġiet innotifikata lilha skont il-liġi; u t-talba tagħha, ibbażata fuq dan in-nuqqas ta' notifika, hija fis-sens li dik id-deċiżjoni ma tagħmilx stat fil-konfront tagħha.

»Qari akkurat tal-artikolu 18 tal-Kap. 447 ikompli jikkonferma kemm din il-materja ma taqax taħt il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Infatti, is-subartikolu (3) – ironikament il-parti tiegħu li ġiet enfażizzata mill-appellanti meta huwa ċċita dan l-artikolu – jipprovdi li appell quddiem it-tribunal jista' jiġi ppreżentat "fi żmien għoxrin ġurnata mid-data minn meta l-imsemmija deċiżjoni tkun ġiet notifikata". Għalhekk, l-investigazzjoni dwar jekk deċiżjoni tkunx ġiet innotifikata ossia le ma tista' qatt tifforma s-suġġett ta' appell quddiem dak it-tribunal.

»Bir-rispett kollu lejn l-appellanti, ir-riferenza tiegħu għas-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016 fl-atti tar-rikors 101/12VG fl-ismijiet XXX *v.* Il-Kummissarju tat-Taxxi ma tistax issostni t-teżi tiegħu. Il-punt dibattut f'dak il-każ qatt ma kien jekk kinitx seħħet notifika valida, imma biss din jekk it-terminu għall-preżentata tal-appell kienx jiddekorri min-notifika tal-*best of judgment assessment* (stima) tal-Kummissarju tal-*VAT*, jew min-notifika tat-talba għall-ħlas.

»F'din il-kawża, l-esponenti lanqas ma qiegħda tikkontesta l-validità tad-deċiżjoni. U għalhekk lanqas ma tapplika s-sentenza fl-ismijiet *Schembri & Sons Ltd v.* Awtorità ta' Malta *et*".

»2. It-tieni aggravju – l-ewwel qorti ma kellhiex teżerċita l-poteri residwali tagħha peress li jeżisti rimedju taħt liġi speċjali

»Effettivament, dan l-aggravju huwa korollari tal-ewwel aggravju, u jekk l-ewwel aggravju jiġi miċħud, kif tissottometti li għandu jkun l-esponenti, dan l-aggravju għandu neċessarjament jiġi miċħud.

»L-esponenti sejra madankollu tindirizza dan it-tieni aggravju għall-fini ta' kompletezza.

»It-teżi tal-appellanti jidher li hija fis-sens li la darba l-kompetenza tal-qorti ordinarja hija *"poteri ta' fatti residwali",* din il-ġurisdizzjoni għandha tirċievi interpretazzjoni u applikazzjoni ristrettiva. Huwa prinċipju li jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti, madankollu, li fil-liġi, hija l-ġurisdizzjoni 'residwali' li hija l-ġurisdizzjoni ġenerali u li tkopri l-materji kollha li ma jkunux espressament ġew ikkonferiti lil xi tribunal speċjali; u li għalhekk hija l-ġurisdizzjoni ta' dawn it-tribunali speċjali li għandha tirċievi interpretazzjoni u applikazzjoni ristrettiva.

»Is-sentenzi ċċitati mill-appellanti in sostenn tat-teżi tagħha xejn ma jnaqqsu mill-validità ta' dan il-prinċipju appuntu għaliex dawn is-sentenzi mkien ma indirizzaw dan il-punt, jew addirittura għandhom kontenut li jmur dijametralment kontra t-teżi proposta mill-appellanti.

»Hekk, is-sentenza ta' din l-onorabbli qorti tas-7 ta' Mejju 2010 fil-kawża fl-ismijiet Avukat Ġenerali *v.* Kap tas-Servizz tas-Sigurtà *et* tgħid preċiżament li "meta ... il-liġi speċjali ma tipprovdix rimedju, tidħol fix-xena l-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ċivili li jistħarrġu dik l-allegazzjoni".

»Hemm żewġ punti li għandhom jiġu rrilevati f'dan il-bran: l-ewwelnett li din il-qorti korrettament irreferiet għall-ġurisdizzjoni tal-qrati ċivili, il-qrati ordinarji, bħala l-*ġurisdizzjoni ġenerali,* pjuttost milli dik *residwali.* It-tieni huwa li f'dik is-sentenza din il-qorti rrikonoxxiet il-prinċipju li, anki fl-oqsma li għalihom japplikaw il-liġijiet speċjali, il-materji kollha li għalihom dik il-liġi speċjali ma tipprovdix rimedju jibqgħu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti ordinarja pjuttost milli dik tat-tribunal speċjali.

»Issa l-ilment tal-esponenti huwa proprju fis-sens li hija ma ġiet qatt, qabel il-preżentata tal-proċeduri ta' arbitraġġ, innotifikata bid-deċiżjoni tad-direttur. Minkejja l-isforzi tiegħu kollha, l-appellanti imkien ma jindika r-rimedju offert mill-liġi speċjali, il-Kap. 447, lil persuna li ma tkunx ġiet innotifikata b'deċiżjoni allegatament meħuda fil-konfront tagħha, li ħabta u sabta ssib ruħha rinfaċċata bi proċedura meħuda allegatament in esekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni. U huwa proprju għal-hekk li l-eżami tal-ilment taħgha dwar in-nuqqas ta' notifika jaqa' taħt il-kompetenza tal-qorti ordinarja.

»L-iżball fl-argumentazzjoni tal-appellanti jkompli jirriżulta iktar ċar f'dak il-bran tar-rikors ta' appell fejn hija tiżvolġi argument dwar il-prinċipju ta' *lex specialis derogat legi generali:* skont l-appellanti, bħala regola ġenerali, proprju għaliex 'speċjali' l-liġi speċjali għandha tipprevali fuq dik ġenerali. Infatti, l-appellanti jikkonkludi dan l-argument billi jsostni li l-"liġi speċjali (Kap. 447) m'għandha tingħata restrittiva' [*sic*].

»Imma, proprju l-kuntrarju: fil-ġurisprudenza, dak il-prinċipju dejjem irċieva interpretazzjoni li l-liġi speċjali għandha tirċievi interpretazzjoni stretta, u fi kliem is-sentenza ċċitata mill-appellanti nnifsu, jeħtieġ li "d-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali [jkunu] talment ċari lill l-qorti tkun żbaljata jekk tiddeklina milli tapplikahom" sabiex l-applikazzjoni tal-liġi ġenerali tiġi skartata favur dik speċjali.

»C: It-tielet aggravju: l-ewwel qorti ma kellhiex tifred il-forma tad-deċiżjoni mill-mertu.

»Dan l-aggravju huwa fundamentalment infondat għaliex f'din il-kawża l-esponenti ma hijiex tavvanza xi lanjanza dwar il-forma tad-deċiżjoni. Dak li qegħda ssostni huwa kompletament differenti: li, irrispettivament

mill-forma tagħha, id-deċiżjoni ma ġietx innotifikata lilha jew lil persuna li skont il-liġi kellha r-rappreżentanza ġudizzjarja tagħha jew kellha l-awtorita' li tirċievi notifiki f'isimha.

»Il-kwistjoni ġuridika involuta f'dan l-appell hija ben differenti: kif appena ġiet innotifikata (*tramite* l-ftuħ tal-proċeduri quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ) bid-deċiżjoni tad-direttur, u *entro* t-terminu ta' għoxrin (20) jum mid-data ta' dik in-notifika, l-esponenti intavolat appell minnha quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva. Madankollu, minn dawk l-istess proċeduri, l-esponenti irrealizzat li l-appellanti odjerni qegħdin jallegaw li huma kienu nnotifikawha b'dik id-deċiżjoni snin qabel, meta mill-atti jirriżulta b'mod pależ, kif hawn fuq spjegat, li dik in-notifika qatt ma kienet saret lill-esponenti imma lil entità oħra, u f'idejn persuna li qatt ma kellha r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-esponenti u qatt ma kienet awtorizzata sabiex tirċievi atti ġudizzjarji f'isimha. Din il-kwistjoni teżorbita kemm il-possibbiltà li jiġi intavolat appell fuq il-mertu tad-deċiżjoni kif ukoll il-kompetenza tat-tribunal speċjali riżultanti mill-atti leġiżlattivi applikabbli. L-uniku rimedju li kien disponibbli għall-esponenti kien li tadixxi lill-qorti ordinarja sabiex tottjeni dikjarazzjoni tan-nullità tan-notifika. Il-fatt li l-esponenti intavolat, kontestwalment, appell fuq il-merti tad-deċiżjoni ma jista' qatt jissarraf f'ċaħda tad-dritt tal-epsonenti li tottjeni din id-dikjarazzjoni. U l-esponenti għandha kemm l-interess ġuridiku kif ukoll id-dritt ġuridiku li titlob din id-dikjarazzjoni. Dawn il-fatti jsejsu l-ġurisdizzjoni tal-qorti ordinarja sabiex tkun hija li tiddetermina l-vertenza.«

12. L-appell jolqot biss iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza, u mhux ukoll iċ-ċaħda ta-eċċezzjoni ta' *litis pendentia*.

13. It-talba quddiem l-ewwel qorti, li dwara tressqet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza, kienet biex il-qorti tgħid illi "l-ittra tas-7 ta' Novembru hija irrita u nulla u ma tista' qatt tagħmel stat fil-konfront tal-[attriċi]" għax indirizzata lil għaqda b'isem ieħor, għax indirizzata lil persuna li ma tirrappreżentax lill-attriċi, u għax ma ġietx notifikata lill-attriċi. Effettivament it-talba hi għal dikjarazzjoni illi d-deċiżjoni tad-direttur ma ġietx validament notifikata lill-attriċi permezz tal-ittra.

14. Kontra din it-talba tressqet l-eċċezzjoni li l-qorti ma għandhiex kompetenza għax it-"Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwa vestit

bil-ġurisdizzjoni neċessarja sabiex jagħmel dik id-dikjarazzjoni u dan kollu *ai termini* tal-artikolu 18(2) tal-Kap. 447”

15. Fil-fehma ta’ din il-qorti l-kwistjoni mqanqla b’din l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ kompetenza hija mhux biss jekk it-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva għandux kompetenza biex jiddeċiedi dwar il-validità tal-ittra safejn tolqot lill-attriċi u dwar il-validità tan-notifika tal-ittra lill-attriċi, iżda wkoll jekk dik il-kompetenza hijiex waħda esklużiva.

16. L-ittra tas-7 ta’ Novembru 2012 kienet maħsuba biex tgħarraf lill-attriċi bid-deċiżjoni tad-direttur konvenut li jirtira l-għarfien tagħha bħala organizzazzjoni tal-produtturi għall-għanijiet tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi [Kap. 447]. L-art. 18(3) tal-Kap. 447 igħid illi appell minn deċiżjoni bħal dik tad-direttur għandu jsir b’rikors ippreżentat lis-segretarju tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva fi żmien għoxrin jum min-notifika tad-deċiżjoni. Mela ż-żmien meta saret in-notifika huwa determinanti għat-tempestività, u għalhekk għall-validità, tal-appell.

17. It-tribunal ċertament għandu kompetenza jiddeċiedi jekk appell quddiemu sarx tempestivament u validament. Jekk, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ tallum, biex tingħata deċiżjoni dwar it-tempestività tal-appell, hija meħtieġa wkoll deċiżjoni dwar il-validità tan-notifika, mela t-tribunal neċessarjament għandu wkoll kompetenza biex jiddeċiedi dwar il-validità tan-notifika. Il-qorti għalhekk taqbel mal-konvenuti safejn igħidu illi l-kwistjoni dwar il-validità tan-notifika tad-deċiżjoni tad-direttur setgħet validament tressqet quddiem it-tribunal, u li dan kellu

kompetenza jismagħha u jaqtagħha għall-għanijiet speċifiċi tal-kwistjoni ewlenija quddiemu.

18. Il-fatt iżda illi t-tribunal għandu kompetenza ma jfissirx li l-qrati ċivili ma jistgħux ukoll ikollhom kompetenza. L-attriċi fil-kawża tallum qiegħda titlob mhux dikjarazzjoni tal-invalidità tad-deċiżjoni komunikata bl-ittra, li hija kwistjoni fil-kompetenza esklużiva tat-tribunal, iżda dikjarazzjoni tal-invalidità (jew, aħjar, tal-inopponibilità) tal-ittra nfisha safejn tolqot lilha (għax mhux indirizzata lilha jew lil min seta' jilqa' l-ittra f'isimha) u tan-notifika tal-ittra. Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk il-kompetenza tat-tribunal fuq talba għal dikjarazzjoni tal-invalidità tal-ittra u tan-notifika (u mhux tad-deċiżjoni komunikata bl-ittra) hijiex esklużiva.

19. Rajna illi l-kompetenza tat-tribunal biex jiddeċiedi dwar il-validità tal-ittra tas-7 ta' Novembru 2012 u tan-notifika hija biss għall-għanijiet tal-kwistjoni ewlenija quddiemu, *viz.* biex it-tribunal iqis l-appell sarx tempestivament u jistax għalhekk ikompli jisma l-meritu tal-appell; dik il-kompetenza ma testendix għal għanijiet oħra. Il-qorti ċivili għalhekk kien ikollha kompetenza li kieku t-talba għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-ittra saret għal għanijiet oħra u mhux biss dawk li jinteressaw il-meritu tal-appell quddiem it-tribunal.

20. Jidher mill-premessi tar-rikors li bih inbdiet il-kawża tallum illi l-interess tal-attriċi fid-dikjarazzjoni minnha mitluba ma hijiex biss għall-għanijiet tal-appell quddiem it-tribunal iżda wkoll għal dawk tal-arbitraġġ mibdi mill-konvenuti tallum kontra tagħha, li fih l-ittra tressqet bħala prova kontrieha.

21. Għal għanijiet li ma humiex marbuta biss mal-proċeduri quddiem it-tribunal, sewwa qalet l-ewwel qorti illi din hija kwistjoni li taqa' fil-kompetenza tal-qrati ordinarji.

22. Minn dan isegwi wkoll illi, sabiex tiġi evitata duplikazzjoni ta' pro-ċeduri, għalkemm l-attriċi setgħet invokat in-nullità tal-ittra u tan-notifika quddiem it-tribunal għall-għanijiet tal-proċeduri quddiem it-tribunal, ladarba l-qorti ċivili wkoll għandha kompetenza kien biżżejjed illi l-azzjoni ssir quddiem il-qorti ċivili, b'mod għalhekk illi d-deċiżjoni tal-qorti tkun torbot ukoll quddiem it-tribunal, u taqta' l-kwistjoni għall-għanijiet kollha bejn il-partijiet, ukoll għall-kwistjoni pendenti quddiem it-tribunal. Għalhekk kienet għaqlija d-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi "jkun prudenti li t-tribunal amministrattiv jistenna l-eżitu ta' din il-kawża qabel ma jipproċedi bis-smigħ tal-appell pendenti quddiemu".

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġuni-jiet kemmxejn differenti, tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

24. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb